MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 2/2010

**J. G. Systems Ltd**

**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**
**(L-Awtorita` Kompetenti)**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta’ April, 2010, il-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**“**Il-Bord:

1. Ra l-appell ipprezentat mis-socjeta J G Systems Ltd. bid-data tat-3 ta' Marzu 2010 (Fol.2) kontra stima mahruga mill-Awtorita Kompetenti fuq importazzjoni ta' Cash Registers liema stima b'kollox tammonta ghal €17,334.06. Dan l-ammont

jirrapprezenta €15,767.33 stima tal-Eko-Kontirbuzzjoni u €1,1576.73 penali *(Low declaration levy).*

2. Ra r-risposta tal-Awtorita (Fol. 5) ghal dan l-appell mis-Socjeta J G Supplies Ltd. li waslet ghand il-Bord fis-16 ta' Marzu 2010 fejn l-Awtorita in oltre qajmet l-eccezzjoni ta' nullita ghal dan l-appell skond l-artiklu 20(2)(b) tal-Att 473 peress illi, skont l-Awtorita Kompetenti, l-ammont ta' Eko-kontribuzzjoni mhux kontestat u li huwa dovut mill-appellant ma giex imhallas.

3. Il-Bord iddiskuta l-eccezzjoni mqajma mill-Awtorita Kompetenti rigward in-nullita tal-appell waqt seduta *in camera* tat-18 ta' Marzu 2010. Il-Bord kellu informazzjoni li fl-ahhar snin il-Qorti tal-Appell kienet favur li provvedimenti fil-ligijiet bhal dak ikkwotat mill-Awtorita Kompetenti kellhom jigu interpretati ristrettivament biex appellant ma jigix imcahhad mid-dritt tas-smiegh tal-appell. Tant hu hekk li kienu gew reveduti l-provvedimenti fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili biex jaghtu aktar flessibilta lill-Qrati u t-tribunali.

Ghalhekk il-Bord hass li qabel ma jkompli jisma' l-kaz kellu jlaqqa' z-zewg partijiet biex jiccara xi punti halli jkun jista' jaghti decizjoni preliminari fuq l-eccezzjoni mqajma mill-Awtorita Kompetenti.

4. Mexxa t-trattazzjoni fis-seduta tat-12 ta' April 2010 bejn il-partijiet.

4.1 Is-Sur Sultana, rapprezentant tal-Awtorita Kompetenti, qal illi l-Awtorita qajmet din l-eccezzjoni ghaliex l-Appellant, sa dak inhar li ssottometta l-appell, jigifieri sat-3 ta' Marzu 2010, kien ghad kellu bilanc mhux imhallas ta' Eko-Kontribuzzjoni li l-appellant stess kien iddikkjara li hu dovut u li mhux ikkontestat. Is-Sur Sultana qal illi l-Awtorita' Kompetenti qed tinterpreta l-Ligi billi tghid li l-hlas tal-ammont mhux kontestat kellu jsir

qabel ma kien sottomess l-Appell. Huwa qal illi din l-interpretazzjoni tigi applikata f'kull kaz.

4.2 Dr. Farrugia Sacco, ghan-nom tas-Socjeta Appellanti, ikkonferma li filwaqt li meta sar l-Appell kien hemm ammont dovut u li ma kienx ikkontestat, qal li ammont ta' € 3,278 fil-fatt thallas fid-29 ta' Marzu 2010. Huwa pprezenta evidenza dokumentata ta' dan il-pagament. Dr. Farrugia Sacco insista li mkien fl-artiklu 20(2)(b) tal-Att 473 ma hemm specifikat xi zmien sa meta ghandha tithallas l-eko-kontribuzzjoni mhux kontesta qabel ma jibda' jinstema' l-Appell. L-ammont li kien hemm dovut u mhux imhallas kien gie llikwidat fid-29 ta' Marzu 2010, fil waqt li l-ewwel seduta tal-Appell bdiet tinstema' fit-12 ta' April 2010. Hu kkontenda li galadarba l-ammont mhux kontestat kien thallas qabel ma beda s-smigh tal-Appell, is-Socjeta appellanti kienet ottemporat ruhha mal-ligi u ghalhekk l-Appell kellu jkun meqjus validu.

Huwa hawnhekk ghamel referenza ghall-procedura tal-Qorti tal-Appell fejn il-hlas tal-kawtela mhux marbut ma xi zmien specifiku, u appell jitqies validu sakemm il-kawtela tithallas sa jumejn biss qabel is-seduta.

5 Irrizulta waqt is-seduta tat-12 ta' April, li l-ammont li l-Appellant kien qed jikkontendi li thallas fid-29 ta' Marzu 2010 biex ihassar il-balanc ta' Eko-kontribuzzjoni pendenti, u li dwaru l-Appellant kien pogga fuq il-mejda d-dokumenti mehtiega, kien ghadu ma giex registrat fis-sistema komputerizzata tal-Awtorita sa dak in-nhar tas-seduta tat-12 ta' April.

Il-Bord hawnhekk talab lir-rapprezentant tal-Awtorita biex jikkonferma mill-aktar fis possibbli jekk dan il-hlas kienx wasal jew le ghand l-Awtorita fid-data msemmija mill-Appellant, igifieri fid-29 ta' Marzu 2010. Fil fatt din l-informazzjoni waslet ghand il-Bord dak in-nhar stess wara li s-seduta

kienet giet aggornata, u l-Bord kien informat li dan il-pagament kien thallas fid-data msemmija u kien ghadu qed jigi pprocessat.

6 Wara dawn il-klarifikazzjonijiet, is-seduta tat-12 ta' April giet aggornata sine die biex il-Bord ikun jista' jasal ghal decizjoni u jinforma z-zewg partijiet biha. Il-Bord izda kompla jiddiskuti *in camera* is-sottomissjonijiet li ghamlu z-zewg partijiet.

7 Barra s-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Bord kellu wkoll f'idejh sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq appell li tressaq quddiem dik il-Qorti kontra d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud rigward appell li kien gie ddikjarat null mill-Bord tal-appell ta' dan id-Dipartiment (Fol. 18).

Biex ikunu jistghu jaslu ghal decizjoni gusta u infurmata fuq l-eccezzjoni ghal l-appell prezenti imressaq mill-Awtorita, il-Bord ra u ddiskuta s-sentenza u l-interpretazzjojni tal-Qorti tal-Appell dwar l-artiklu 4(1)(b) tad-9 Skeda tal-Att XXIII tal-1998 tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Dan l-artiklu tal-Att tal-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa simili ghal artiklu 20(2)(b) tal-ligi dwar l-Eko-Kontribuzzjoni li bis-sahha tieghu l-Awtorita Kompetenti qed titlob li l-appell prezenti ghandu jigi michud. Iz-zewg artikli jghidu li appell ikun null jekk taxxa mhix ikkontestata tkun ghada mhux imhallsa.

8 Fuq dan il-provvediment tal-ligi tal-VAT, il-Qorti tal-Appell kienet ippronunzjat ruhha permezz ta' decizjoni datata 28 ta' Frar 2007 fil-kaz tal-Appell Numru 7/06 - Aldo Melidoni vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Dan l-Appell fil-Qorti kien jittratta in oltre cahda mill-Bord tal-Appell tad-Dipartiment tal-VAT biex jinstema' appell minhabba taxxa mhux kontestata u mhux imhallsa meta kien sottomess l-appell koncernat kienet ghada ma thallsitx. Il-Qorti ddecidiet li tilqa' l-

Appell ta' Melidoni ghax fl-opinjoni taghha kellu jkun hemm "..... spazju ghal flessibilta. U dejjem ahjar fejn tidhol il-gustizzja u minghajr ma jcedi ghall-indulgenza zejda li wiehed se mai jippekka fuq in-naha tal-generozita' mal-parti li thossha aggravata, u dan biex kulhadd ikun sodisfatt li l-gustizzja mhux biss qed issir imma qed issir manifestament." L-istess Qorti, fid-decizjoni finali taghha, iddecidiet li "Tirrimanda l-atti lura lill-Bord biex l-appell quddiemu jitkompla jinstema' fl-istadju fejn l-appellanti talab li jinghata l-opportunita' ha jirregola ruhu".

8.1 Skond is-sentenza tal-Qorti, billi l-piz tal-prova kien fuq l-appellant, il-Bord kellu jezercita certu flessibilita billi jimxi mal-ispirtu tal-ligi skond kif provdut fl-artikli 175 u 789 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili - Kap 12 kif kienu gew emendati, aktar milli mal-ittra rigida u formali tal-Ligi. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell f'din is-sentenza qalet li eccezzjoni ta' nullita' ma tkunx konsentita "jekk dan in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-Ligi."

9 Il-Bord prezenti ma jistax ma josservax li billi l-artiklu 4(1)(b) tad-9 Skeda tal-ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud imsemmi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell hu simili ghal artiklu 20 (2)(b) tal-Att 473 tal-Eko Kontribuzzjoni, li bis-sahha tieghu l-Awtorita Kompetenti qed tibbaza l-eccezzjoni taghha biex tannulla l-appell fil-kaz prezenti, allura il-Bord ghandu jasal fil-konkluzjoni li din is-sentenza ghandha tigi applikata wkoll f'dan il-kaz.

Il-Bord jinnota wkoll li is-Socjeta Appellanti f'dan il-kaz, J G Systems Ltd., kienet illikwidat l-ammont ta' Eko-Kontribuzzjoni pendenti mhux kontestat fid-29 ta' Marzu 2010 bil-hlas dovut u aktar.

10 Fic-cirkonstanzi, il-Bord ma jidhirlux li ghandu jccahhad is-Socjeta Appellanti mid-dritt ghal smigh

tal-appell, aktar u aktar fid-dawl u l-ispirtu tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza imsemmija aktar 'l fuq. Ukoll ghax jidher li l-Appellant ma kellux il-hsieb li jahrab mill-obbligi li jimponi l-Att 473 ghas-smiegh tal-appelli billi, ghalkemm mhux ezatt kif stipulat fil-ligi taht l-artiklu 20(2)(b) tal-Att 473, il-hlas tal-Eko-Kontribuzzjoni mhux kontestata kien thallas qabel ma beda' jinstema' l-appell.

11 Ghalhekk, wara li l-Bord ha in konsiderazzjoni is-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet u sema' x'intqal waqt is-seduta tat-12 ta' April 2010 kif ukoll wara li ha in konsiderazzjoni s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Frar 2007, fl-Appell Numru 7/06 - Aldo Melidoni vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, qed jichad l-eccezzjoni mressqa mill-Awtorita biex jigi kkunsidrat null l-Appell sottomess mis-Socjeta Appellanti J G Systems Ltd. u tordna li is-smiegh tal-appell jitkompla.

12 Is-smiegh tal-kaz jitkompla fl-24 ta' Mejju 2010, fid-9.00 ta' filghodu.**”**

Il-Kummissarju appella minn din is-sentenza bl-aggravju principali illi l-Bord ghamel interpretazzjoni zbaljata ta’ l-Artikolu 20 (2) (b) tal-Kapitolu 473, kif ukoll tad-decizjoni ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Frar, 2007 fl-ismijiet “**Aldo**

**Melidoni -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**";

Jirrizulta mill-atti tal-kaz quddiem il-Bord illi ghall-appell interpost mis-socjeta` lil dan it-tribunal il-Kummissarju ssolleva in linea preliminari l-eccezzjoni illi dak l-appell huwa irritu u null peress illi s-socjeta` ma hallsetx l-ammont ta' eko-kontribuzzjoni li ma kienx in kontestazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 20 (2) (b) tal-Kapitolu 473. Hu minn dan il-provvediment prevvist illi "l-ammont ta' eko-kontribuzzjoni li ma jkunx kontestat, jekk ikun hemm, u li jkun dovut mill-appellanti, ikun thallas" [sub-para. (b)];

Il-Bord ta' l-Appelli krejat bl-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni cahad l-eccezzjoni tal-Kummissarju devoluta lilu billi rraguna illi ma kellux icahhad lis-socjeta` mid-dritt ghas-smigh ta' l-appell, u dan aktar u aktar fid-dawl u fl-ispirtu tad-decizjoni ta' din il-Qorti fuq riferita fl-esposizzjoni tal-prezenti aggravju;

Din il-Qorti jidhrilha illi ghandha qabel kull konsiderazzjoni ohra taghmilha cara illi dik id-decizjoni senjalata mill-kumpanija, issa appellata, u li fuqha l-Bord maggorment sejjes il-motivazzjoni tieghu ma kienetx toffri s-soluzzjoni gusta ghall-punt hawn kontrovertit. Dan tant ghaliex f'dik id-decizjoni din il-Qorti ssoffermat kwazi eskluzivament fuq l-uzu tal-formula (dik B minflok A, kif hekk kellu jkun, trattasi ta' appell kontra stima) u l-adoperu ta' l-att korrettorju opportun, tant ghaliex ukoll il-Qorti halliet impregudikata ghall-aktar approfondiment mill-Bord il-kwestjoni dwar jekk l-appell lilu kellux jitqies invalidu ghaliex ma kienetx thallset it-taxxa kollha li dwarha ma kienx hemm kontestazzjoni. Kien ukoll ghal din ir-raguni illi l-Qorti rrimandat l-atti lura lill-Bord;

Ipprecizat dan, l-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hi din. L-Artikolu 20 (2) (b) ta' l-Att dwar l-Eko-

Kontribuzzjoni (Kapitolu 473) huwa konsimili ghall-Artikolu 4 (1) (b) tad-Disa’ Skeda tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kapitolu 406). Ta’ min jirrileva wkoll illi l-istess dizzjoni ta’ dawk il-provvedimenti kienet artikolata fil-proviso ghall-Artikolu 35 (1) dwar l-Att ta’ l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kapitolu 372), qabel ma dan gie emendat bl-Att IV ta’ l-2007;

Sinjifikanti bosta li jigi sottolinejat illi l-proviso f’dan l-ahhar Att tnehha ghal kollox wara li l-Qorti Kostituzzjonali b’sentenza tas-6 ta’ April, 2006 fil-kawza fl-ismijiet “**Pig Breeding Company Limited -vs- Avukat Generali u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni**”, kienet iddikjaratu vjolattiv ta’ l-Artikoli 6 (1) u 39 (2) tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament. Ukoll f’dik id-decizjoni l-vertenza kollha kienet taggira fuq il-punt jekk dak il-proviso, konsimili ghall-Artikolu 20 (2) (b) ta’ l-Att *de quo*, kienx jipprovdi ghall-ostakolu ragonevoli o meno ghall-ezercizzju tad-dritt moghti lic-cittadin bil-ligi stess ta’ access ghal tribunal indipendenti u imparzjali;

Ghal dak li jiswa, f’dik id-decizjoni l-Qorti Kostituzzjonali rragunat illi, ghalkemm il-ghan legislattiv tal-hlas ta’ l-ammont mhux in disputa kien perfettament legittimu, b’danakollu ghaddiet biex tikkwerela l-qaghda ta’ fejn persuna, meta tigi biex tappella lill-Bord, ma tkunx genwinament tista’ thallas l-ammont mhux in kontestazzjoni. Dik il-Qorti ghaddiet imbaghad biex tponi l-mistoqisija agguntiva jekk ghandux dak in-nuqqas jissarraf filli l-persuna possibilment tispicca jkollha thallas aktar minn dak li legalment hu minnha dovut u dan peress li jigi negat lilha d-dritt ta’ appell fuq dik il-parti ta’ l-istima li hi in kontestazzjoni. Ghal din id-domanda l-Qorti Kostituzzjonali bla ebda ezitazzjoni wiegbet illi r-risposta taghha ghandha tkun decizivament fin-negattiv. L-ispjegazzjoni minnha fornita hi fis-sens tal-bran li jsegwi:-

“Fi kliem iehor, il-proviso kif inhu formulat, li ma jhalli ebda lok ghal biex wiehed jiddistingwi jekk in-nuqqas li wiehed ihallas l-ammont mhux in kontestazzjoni jkunx

dovut ghal semplici traskuragni da parti ta’ l-appellant meta dan seta’ jhallas, jew ikunx dovut ghal xi raguni gusta bhal meta kontribwent ikun qed isofri minn xi nuqqas temporaneju ta’ likwidita`, johloq sproporzjon bejn l-ghan legittimu li jrid jintlahaq u l-mezz adoperat, b’mod li allura l-limitazzjoni ghad-dritt ta’ access ghal tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi ma jibqax wiehed verament ragonevoli”;

Din il-Qorti tikkonkorda b’mod shih u komplet ma’ dawn ir-riflessjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fil-predetta decizjoni. Jekk xejn, ghaliex fl-ewwel lok, trattasi minn disposizzjoni ghal kollox konsimili ghal dik agitata, u li fuqha l-Kummissarju ffonda l-eccezzjoni ta’ l-irritwalita`, din il-Qorti ma tistax toffri soluzzjoni inkoerenti u diversa minn dik tal-Qorti Suprema li ddeterminat dak il-proviso konsimili bhala wiehed inikwu ghat-tutela tal-parti li tfittex gustizzja skond il-mekkanizmu provvdut lilha mil-ligi nnifisha, u, aktar u aktar, mhux kostituzzjonalment konformi ghall-ispirtu u l-iskop objettiv tal-harsien tad-drittijiet. Wisq logikament u b’mod generali mhux limitatament biss ghal kaz partikolari. Jekk xejn ukoll ghaliex, fit-tieni lok, verament ma jistax ikun hemm censura tal-proposizzjoni ta’ dritt ghaliex is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali f’dan ir-rigward kienet qeghda bazikament taghmel eku ghal decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

B’riflessjoni agguntiva hi wkoll il-fehma ta’ din il-Qorti illi t-termini tal-provvediment *de quo* m’ghandhomx jigu interpretati b’formalizmu esagerat izda ghandhom jittiehdu fl-ispirtu prattiku taz-zmenijiet. Ghalhekk jekk tigi rigwardata l-vera sustanza tieghu, kollox jiddependi mil-legalita` o meno tieghu, u mhux jekk l-assenza tempestiva ta’ dak id-depozitu ittellifx id-dritt li l-persuna aggravata tfittex il-ministeru tal-Bord ghat-tutela tad-drittijiet taghha. Mhux minghajr raguni illi fil-kors taz-zmenijiet il-Qrati taghna qaghdu attenti illi l-ligi ma ssirx strument ta’ formalizmu u ta’ sottiljezzi li ma ghandhomx jappellaw ghall-esigenzi kostruttivi tal-hajja moderna, specjalment

fejn dik l-istess ligi tidhol f'konflittwalita` mal-jeddijiet fondamentali traccjati fil-Kostituzzjoni;

Jista' jigi obbjettat illi fil-kaz ta' l-Artikolu 20 (2) (b), Kapitolu 473 dan ghadu ma giex dikjarat kostituzzjonalment inikwu, u mhux allura ghal din il-Qorti li tassumi l-posizzjoni ta' arbitru fuq il-moralita` tal-provvediment *de quo* validament maghmul mill-organu legislattiv kompetenti. Bid-dovut rispett tali obbjezzjoni ma timpressjonax wisq lil din il-Qorti ghaliex huwa mbaghad dejjem utli li jigi enfatikament imfakkar il-principju superjuri li jimponi li sitwazzjonijiet ekwivalenti jigu valutati b'mod ugwali, anke jekk si tratta minn ligijiet diversi, meta l-punt kontrovertit ikun l-istess jew jixxiebah. Forsi wkoll, aktar minn hekk, il-kriterju importantissimu illi fl-ghazla bejn id-diversi tifsiriet ta' xi provvediment partikolari ghandha dejjem tinghata prevalenza lil dik li l-Qorti Kostituzzjoni tkun iddeterminat li ghandha tkun it-tifsira l-aktar awtentika u konformi ghall-principju Kostituzzjonali u Konvenzjonali. Jikkonsegwi allura illi jekk is-sinjifikat normattiv gja gie kostituzzjonalnment sindikat, mhux ghal din il-Qorti li, fir-rigward ta' l-Artikolu 20 (2) (b) tal-Kapitolu 473, tirrikorri ghall-interpretazzjoni diversa minn dik certa u adegwattiva moghtija ghall-proviso analogu ta' l-Artikolu 35 (1) tal-Kapitolu 372. Apprezzevolment, imbaghad, kif di fatto jirrizulta mill-atti, l-ammont mhux in kontestazzjoni thallas *in toto* mis-socjeta` appellata anke jekk fi zmien posterjuri (25 jum) ghall-proposizzjoni ta' l-appell quddiem il-Bord. L-aggravju ma jistax in bazi ghall-konsiderazzjonijiet premessi jitqies meritevoli ta' akkoljiment.

Ghal motivi premessi, anke jekk issa ghal riflessjonijiet ben diversi minn dawk tal-Bord ta' l-Appelli, il-Qorti tiddeciedi u tikkonferma d-decizjoni appellata billi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-Kummissarju appellant. L-atti qeghdin jigu rimessi lura lill-Bord ghal kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------